# ĦAJJA QASIRA

*Dak li jħobbuh l-allât imut żagħżugħ.*

MENANDRO.

Inħoss u nifhem fija n-nifsi u nemmen li jien ma ndumx ma mmut. Ħajja qasira għandu ġismi marid. Id-dinja fiergħa, bil-ġid, bil-ġieħ, bil-għors u b'kulma fiha, mhix il-qagħad tiegħi. Jien ma ngħixx bi ħwejjeġ li tmisshom u tarahom. L-ikel tiegħi l-ħsieb ta' moħħi, u x-xorb tiegħi l-għana li jfawwarli qalbi bħal gelgûl. Inħossni, inħossni mejjet ħaj: mejjet għad-dinja u ħaj għal xi mkien ieħor, xi mkien ieħor aqwa u aħjar minn hawn, xi mkien fejn tgħammar l-erwieħ il-kbar. Lê, lê: mhix din saltnâti u ma tistax tkun din. Inħoss u nifhem li min hu bħali mhux maħluq għal saltna tat-tafal wieqfa fuq ir-ramel, kollha mimlija jasar u frugħat. Hemm oħra, bgħid jew qrib, x'imkien bejn l-art u s-sema, għanja bid-dawl tal-għerf, mid-deni mħarsa, li ma tafx b'wisa' jew bi żmien, moħbija qalb ix-xemx u l-qawsalli, ħelu ħelu mistrieħa fuq il-ġwienaħ kbar tal-*għaġeb* u ta' *seħer il-ġmiel*, li l-ebda bniedem ħlief il-poeta ma jaf biha. Imkebbes bi xrar l-imħabba ta' l-allât tal-Għana, u maħluq biex mix-xejn tal-ħolm ta' qalbu hu wkoll isawwar universi ġodda, ma jistax il-poeta jsib saltnâtu fejn isibuha oħrajn ta' moħħhom dgħajjef u qalbhom iebsa li f'għomorhom kollu ma jduqu qatt il-bews tal-Poeżija, is-Sultana ta' l-Arti. Inħoss u nifhem li miniex ta' din l-art. Jidhirli jiena li, għalkemm bniedem, il-bnedmin tad-dinja ma jixbhunix. Inħoss bħal ħaġa fija li biha nisboq lill-oħrajn. U sehmi u ġîdi u tamti l-Poeżija ! Ngħammar, waqtiet, f'saltna ta' ħolm, f'saltna ta' mħabba, f'saltna ta' ġmiel ! Kulma nixtieq insibu fil-ħsieb ta' moħħi ! Fil-palazz ta' qalbi tgħix it-tfajla li nħobb, tfajla li twieldet u kibret miegħi bħala biċċa minni li ma tintemmx għal kollox! Għax jispiċċa ż-Żmien, il-Wisa' u kull ma sar; imm'aħna, jiena u t-tfajla li nħobb—il-Poeżija—ma nispiċċawx mal-mewt: għax meta mmutu, nerġgħu nitwieldu biex ma mmutu qatt !

KARMENU VASSALLO

14 ta' Frar, 1938